**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 318/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Daniel Gaffarena**
**(ID 021000(L))**

**Illum: 17 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Daniel Gaffarena** ta' 21 sena, iben Emanuel u Sandra nee` Mc Monagle, imwieled Ħaż Żabbar nhar l-14 ta' Frar 1991, residenti 113, 'Aster', Triq il-Flotta, Gżira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 21000(L);

Akkużat talli fis-sena 2012 f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli nhar it-18 ta' Jannar 2013 u fil-ħames snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Ġżejjer:

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjoniiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta` l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datata 6 ta' Mejju 2013[1], sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' April 2014, l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020, l-imputat irreġistra ammissjoni għat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, ossia dik dwar pussess 'sempliċi' tar-raża tal-*cannabis*, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[3];

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Nikolai Sant** jixhed illi nhar it-18 ta' Jannar 2013 għall-ħabta tas-7:00pm, PC 899 u PC 196 mill-*Mobile Squad Unit* kienu qed jagħmlu ronda fl-akkwati ta' Buġibba, viċin il-*Waterpark* meta lemħu vettura Rover ta' lewn abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 787 li fiha kien hemm żewġt irġiel. Hekk kif il-pulizija resqu viċin il-vettura, din inxtgħelet u kienet ser tiċċaqlaq minn fejn kienet. Dan qajjem suspett fil-pulizija li għalhekk waqqfu l-vettura u għamlu tfittxija fiha. Irriżulta illi ż-żewġ persuni in kwistjoni kienu l-imputat odjern, Daniel Gaffarena u ċertu Ryan Edwards. It-tfittxija fuq il-persuna tagħhom irriżultat fin-negattiv, filwaqt illi fil-vettura nstabet sustanza kannella suspettata raża tal-*cannabis* f'piż ta' madwar gramma. Ix-xhud ikompli jgħid illi ż-żewġ persuni ġew arrestati u ngħataw id-drittijiet tagħhom kif viġenti dak iż-żmien. Ix-xhud jgħid ukoll illi dawn ġew interrogati. Waqt l-investigazzjoni tal-imputat odjern, fuq il-*mobile phone* u anke fuq il-*laptop* tiegħu, instabu diversi ritratti tal-pjanta *cannabis*. Huwa jgħid illi kien hemm suspett raġjonevoli illi l-istess imputat seta' kien qed ikabbar il-pjanti tal-*cannabis* u dan stante illi mir-ritratti deher ċar illi l-ambjent kien ta' residenza f'Malta. L-Ispettur Sant jgħid ukoll illi huwa wettaq tfittxija fir-residenza tal-imputat fil-Gżira

[1] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 13 tal-proċess.
[3] Ara l-verbal a fol. 179 tal-proċess.

u "*wara iktar pressure li kont ghamilt*", dan kien ammetta li kien ikkultiva xi pjanti fis-sajf ta' qabel. Matul it-tfittxija ma nstabux pjanti, iżda meta ġie mqabbel l-ambjent tar-ritratti mal-post in kwistjoni, irriżulta li dan kien l-istess fond ossia l-bejt tar-residenza. Din it-tfittxija saret fil-presenza ta' WPS 297 Bartolo Spiteri, PS 635 u PC 599 u kien mar PS 465 min-naħa tal-pulizija tal-Forensika fuq il-post. Ix-xhud imbagħad jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija ttieħdet nhar id-19 ta' Jannar 2013.[4] L-Ispettur Sant esebixxa wkoll analizi tal-*laptop* tal-imputat li, skont ix-xhud, saret mill-Ispettur Timothy Zammit mis-*Cyber Crime Unit*[5] , u CD kontenenti ritratti li kienu nstabu fuq il-*mobile phone* tal-istess imputat.[6]

L-Ispettur Sant esebixxa s-sustanza kannella li nstabet fil-vettura Rover nhar it-18 ta' Jannar 2013[7], *mobile phone* li ġie elevat mill-kamra tas-sodda tal-imputat fil-Gżira u s-*sim card* li kien hemm mal-istess *mobile phone*[8], kontenitur żgħir b'sustanzi mhux magħrufa[9], u diversi oġġetti oħra relatati mad-droga li kienu nstabu fil-kamra tas-salott ġewwa l-fond 114, Fleet Street, Gżira fejn kienet saret tfittxija[10].[11]

2. **WPS 297 Rhian Bartolo Spiteri** xehdet illi fid-19 ta' Jannar 2013 assistiet fl-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat. Hija tixhed illi mill-investigazzjoni rriżulta illi kemm minn fuq il-*laptop* tal-imputat, kif ukoll minn fuq il-*mobile phone* tiegħu, kien hemm xi ritratti li wrew li seta' kien hemm xi kultivazzjoni ta' pjanti fir-residenza tal-istess imputat, kif ukoll pussess tad-droga. Tgħid in oltre illi l-imputat ammetta li matul is-sajf ta' qabel, huwa kien ikkultiva xi pjanti. Marru fir-residenza tiegħu, fl-indirizz 'Aster', Triq il-Flotta, Gżira, u hemmhekk bdew iqabblu l-ambjent li kien jidher fir-ritratti ma' dak tar-residenza. Saret tfittxija ukoll fir-residenza ta' faċċata, fejn instabu xi oġġetti li, skont ix-xhud, kienu juru l-pussess tal-*cannabis*. Ix-xhud tgħid illi l-imputat kellu aċċess għal din ir-residenza wkoll.[12]

3. **PS 635 Alan Calleja** xehed illi fit-18 ta' Jannar 2013 għall-ħabta tas- 7:15 p.m. daħlet informazzjoni mill-*control room* illi waqt ronda, PC 899 u PC 1196 kienu waqqfu vettura tal-għamla Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 787, li fiha kien hemm ukoll l-imputat odjern. Minn tfittxija fil-

---

[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 19 sa 21 tal-proċess.
[5] Ara Dok. NS 1, a fol. 22 *et seq* tal-proċess.
[6] Dan jinsab esebit a fol. 92 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 14 sa 18 tal-proċess.
[7] Esebita bħala Dok. NS.
[8] Dok. NS 1.
[9] Dok. NS 2.
[10] Dok. NS 3.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 135 sa 137 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 93 sa 95 tal-proċess.

vettura kienu nstabu xi oġġetti relatati mad-droga u eventwalment dawn il-persuni ġew skortati ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Jgħid ukoll illi minn tfittxija fuq il-*mobile phone* tal-imputat irriżultaw numru ta' ritratti li fihom kienu jidhru pjanti tal-cannabis ġo *pots* ġewwa bini Malti. Jgħid in oltre illi għalkemm l-imputat għall-ewwel stqarr illi dawn kien niżżilhom minn fuq l-*internet*, wara li għafsuh qalilhom li dawn ir-ritratti huwa kien ħadhom fir-residenza tiegħu, fuq il-bejt. Ix-xhud ikompli jgħid illi l-għada, fid-19 ta' Jannar 2013, flimkien mal-Ispettur Sant u ma' WPS 297 Rhian Bartolo Spiteri, huwa mar fir-residenza tal-imputat, fl-indirizz 113, Triq il-Flotta, Gżira, fejn l-imputat uriehom fejn kien ikabbar il-pjanti, u hemmhekk raw il-*pots* li fihom kienu jitkabbru l-pjanti li kienu vojta u li kien fihom ħamrija biss. Jgħid illi kien hemm ukoll il-pulizija mill-Forensika li ħadu xi ritratti u illi ġew elevati l-oġġetti, li ġew meħuda fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.[13]

4. **PS 465 Daniel Abela** xehed illi fid-19 ta' Jannar 2013 ġie mitlub mill-Ispettur Nikolai Sant sabiex jieħu xi ritratti ġewwa l-fond 113 u 114 Triq il-Flotta, Gżira, fejn aċċeda u ġibed dsatax-il ritratt li ġew esebiti minnu f'faxxikolu fotografiku[14].

5. **L-Ispettur Timothy Zammit** jixhed illi fit-18 ta' Jannar 2013 l-Ispettur Nikolai Sant talab l-assistenza tas-*Cyber Crime Unit* għal analiżi ta' *computer equipment* li kien ġie elevat mingħand l-imputat. L-*equipment* ingħata lis-*Cyber Crime Unit* dakinhar stess u kien hu li rċevih. Dan ġie analizzat minn ex PC 1490 Joseph Muscat taħt is-superviżjoni tiegħu stess. Huwa jixhed illi minn analiżi tal-*computer equipment* irriżulta illi fil-*computer* kien hemm mija, tmienja u għoxrin (128) ritratt li kienu meqjusa bħala relevanti għall-investigazzjoni. Ir-ritratti nstabu lkoll f'*folder* bl-isem *iPhone Photos*. Huwa jixhed illi r-ritratti kollha li nstabu ġew stampati u jinsabu f'Appendiċi C tar-rapport, flimkien mal-informazzjoni teknika dwar l-istess. Ix-xhud jgħid ukoll illi saret tfittxija għal filmati miżmuma fuq il-*computer* u rriżulta illi kien hemm żewġ filmati relevanti għall-investigazzjoni. Wieħed mill-filmati nstab fl-istess *folder* fejn kien hemm ir-ritratti, waqt illi l-filmat l-ieħor bl-isem '*Introduction to indoor cannabis cultivation*' instab fid-*downloads folder* tal-istess *computer*. Mir-relazzjoni jirriżulta illi dan l-aħħar *folder* ġie kkreat fil-5 ta' Settembru 2012. Din id-data kienet ukoll l-aħħar darba li sar aċċess għall-*file*. Ix-xhud jgħid illi r-ritratti u l-filmati ġew maħruġa u jinsabu fuq *DVD* immarkat bħala Appendiċi E fl-istess rapport. Huwa kkonferma l-kontenut

---

[13] A fol. 98 sa 100 tal-proċess.

[14] Ara Dok. DA a fol. 106 sa 124 tal-proċess u x-xhieda tal-istess PS 465 Daniel Abela, a fol. 104 u 105 tal-proċess.

kollu tar-rapport u żied jgħid illi fid-19 ta' Jannar 2013, l-istess *computer* ġie ritornat lura lill-pulizija tal-Ispettur Nikolai Sant.[15]

6. **PC 899 Jean Paul Vella** jixhed illi fit-18 ta' Jannar 2013 kienu fuq ronda fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, viċin il-*Waterpark* fejn kien hemm vettura tal-għamla Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 787 li kienet wieqfa ħdejn il-*kiosk*. Huwa jgħid illi hekk kif waslu magħhom, l-imputat u ċertu Ryan Edwards bdew bħal jaħbu xi ħaġa u niżlu jkellmuhom, f'liema waqt dawn dehru xi ftit aġitati. Saret tfittxija fil-vettura fejn ħdejn il-*handbreak* instabet blokka kannella żgħira u ġol-*ashtray* instab *joint*. Għalhekk iż-żewġ persuni ġew arrestati.[16]

7. **PC 1196 Matthew Cachia** jixhed illi flimkien ma' PC 899 kienu qegħdin jagħmlu *second watch patrol* fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar meta nnutaw vettura tal-għamla Rover ta' lewn abjad. Il-vettura kienet wieqfa u fiha kien hemm żewġ persuni li rriżultaw li kienu l-imputat u ċertu Ryan Edwards. Minn tfittxija fil-vettura ġew elevati blokka kannella li kienet ħdejn il-*handbreak* u *joint* li kien fl-*ashtray*.[17]

8. Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti b'digriet tal-11 ta' Jannar 2016 sabiex janalizza Dok. NS, NS 2 u NS 3[18], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella mmarkat S/B/8/2016 li fih kien hemm is-segwenti:

   1. Borża tal-plastik li fiha kien hemm:

      (i) karta bil-kliem Data: 18/01/13 Ħin: 21:00hrs Elevat/i minn kamra tas-salott (114, Float Street, Gżira) fil-preżenza ta' Daniel Gaffarena minn PS635, PC279, PC213, PC482, WPC 44;
      (ii) kontenitur tal-plastik li fih żewġ żerriegħa;
      (iii) *bong* waħda (u mhux tnejn kif imniżżel fuq il-karta tad-drug squad);
      (iv) 2 boroż tal-plastik trasparenti vojta b'xi traċċi;
      (v) każett tal-ħġieġ vojt;
      (vi) tubu bil-kliem *Sage extract 1g Salvia divinorum* li fih ħaxix ta' lewn aħdar;
      (vii) pakkett bil-kliem *greenmonkey brand chronic salvia* *www.greenmonkey.us strawberry* li fih tubu tal-ħġieġ b'xi

[15] Ara a fol. 125 sa 128 tal-proċess.
[16] A fol. 129 sa 131 tal-proċess.
[17] A fol. 132 sa 134 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 124 tal-proċess.

ħaxix ta' lewn aħdar. Hawnhekk l-espert ġibed l-attenzjoni illi fuq il-karta mħejjija mill-uffiċjali tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga kien hemm imniżżel 2 *crushers* imma dawn ma kienux fid-dokument.

2. Borża tal-plastik li fiha kien hemm:

    (i) karta bil-kliem Data: 18/01/13 Ħin: 19:00hrs Elevat/i minn PC899, PC1196 mobile = Buġibba vehicle FAE 787 fil-preżenza ta' Daniel Gaffarena 210000L Ryan Edwards 5189M minn ___;
    (ii) sustanza ta' lewn kannella;
    (iii) *joint*.

3. Borża tal-plastik li fiha kien hemm:

    (i) karta bil-kliem Data: 18/01/13 Ħin: 8:50pm Elevat/i minn ġol-basket (*backpack*) adidas ta' Daniel Gaffarena 2100L fil-preżenza ta' Daniel Gaffarena 210000L minn PS635, PC213 u *joint*.

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dan id-dokument:

(a) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydracannabinol*. Il-piż tas-sustanza kien ta' 0.82 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 5.5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq il-*joint* li kien ippakkjat mas-sustanza ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydracannabinol*. Madanakollu minħabba li l-*joint* kien fl-istess borża li kien fiha s-sustanza ta' lewn kannella, l-espert ma setax jesjkludi li seta' kien hemm xi kontaminazzjoni mis-sustanza.

(c) Illi fuq il-*joint* li kien ippakkjat mas-sustanza ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydracannabinol*.[19]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, l-Ispettur Nikolai Sant ikkonferma li fiż-żmien li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija Eżekuttiva, huwa ma

[19] Ara x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 155 u 156 tal-proċess u r-relazzjoni Dok. GS, a fol. 157 *et seq* tal-proċess.

ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, u dan għaliex il-liġi ma kinitx tagħti dan id-dritt fiż-żmien in kwistjoni. Għaldaqstant, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan filwaqt illi għamlet referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dik deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**, filwaqt illi ddikjarat illi f'dak l-istadju dawn iż-żewġ kawżi kienu għadhom fi stadju ta' appell. Sussegwentement, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019, Dr. Gianluca Caruana Curran għall-imputat għamel referenza għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella** u **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** in sostenn tat-talba tad-difiża tat-13 ta' Novembru 2017 u dan filwaqt illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Illi fl-ewwel lok, għalhekk, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar id-19 ta' Jannar 2013, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li jeżerċitah.[20] Madankollu, huwa ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan il-jedd u dan stante illi dan daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), li għaliha saret referenza mid-difiża, **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala prova inammissibbli. Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet, li fiż-żmien in kwistjoni, kienu inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehdu l-Uffiċjal Prosekutur u l-uffiċjali l-oħra tal-pulizija in konnessjoni mad-dikjarazzjonijiet kollha li għamel l-imputat waqt l-investigazzjoni, inkluż dawk qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu bil-miktub.

[20] Ara l-istqarrija esebita bħala Dok. NS, a fol. 19 sa 21 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza għas-sena 2012.

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi matul l-investigazzjoni, il-pulizija elevat il-*mobile phone* tal-imputat, kif ukoll il-*laptop* tiegħu u fihom instabu għadd ta' ritratti li juru pjanti, li skont il-Prosekuzzjoni, kienu pjanti tal-*cannabis*. Għalhekk, kif jixhed l-Ispettur Sant, il-pulizija marru ġewwa r-residenza tal-imputat u hemmhekk irriżulta illi l-ambjenti li jidhru fl-istess ritratti kienu l-ambjenti tar-residenza tal-imputat. Fl-istess residenza, madankollu, ma nstabux pjanti tal-*cannabis.*

Skartati l-istqarrija u d-dikjarazzjonijiet tal-imputat matul l-investigazzjoni, din l-imputazzjoni tistrieħ unikament fuq ir-ritratti misjuba fuq il-*mobile phone* u l-apparat elettroniku fil-pussess tal-imputat, liema ritratti skont il-Prosekuzzjoni juru mhux biss il-pjanti *cannabis*, iżda wkoll l-ambjenti tar-residenza tal-imputat.

Illi in kwantu r-ritratti li ġew misjuba fuq il-*laptop* tal-imputat, huwa minnu illi meta wieħed iqabbel xi wħud mill-ambjenti li jidhru fir-ritratti fuq l-istess *laptop* li juru l-pjanti, mar-ritratti tal-ambjenti tar-residenza tal-imputat li ttieħdu minn PS 465 Daniel Abela, wieħed jinnota illi dawn kienu l-istess ambjenti. Il-Qorti tinnota illi r-ritratti formanti parti mill istess relazzjoni ma jindikawx id-data ta' meta dawn ittieħdu. F'tabella a fol.38 *et seq* tal-istess relazzjoni hemm żewġ kolonni, waħda ntitolata *Last Accessed* u oħra ntitolata *File Created*. Fiż-żewġ kolonni d-data ndikata hija dik tal-15 ta' Jannar 2013.

In kwantu l-*mobile phone* tal-imputat, l-Ispettur Sant esebixxa CD kontenenti diversi ritratti u li, skont l-istess Spettur, kienu nstabu fuq il-*mobile phone* tal-imputat. Fir-rigward, il-Qorti tinnota illi l-Ispettur Sant ma ndikax min kien l-uffiċjal tal-pulizija li niżżel dawn ir-ritratti u dan lanqas ma xehed f'dawn il-proċeduri. Biss il-Qorti tinnota wkoll illi l-*mobile phone* tal-istess imputat ġie esebit in atti u illi ħafna mir-ritratti fuq is-CD huma l-istess ritratti li jidhru fir-rapport ikkonfermat mill-Ispettur Timothy Zammit u illi nstabu fuq il-*laptop* tal-imputat fil-*folder iPhone Photos.* Dawn ir-ritratti juru l-pjanti, kif ukoll l-ambjenti li kienu jinsabu fihom, li meta mqabblin mar-ritratti li ttieħdu minn PS 465 Daniel Abela juru li dawn kienu l-ambjenti tar-residenza tal-imputat. Jirriżulta wkoll mill-istess CD illi r-ritratti tal-pjanti ttieħdu fis-sena 2012.

Fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża tissottometti in kwantu l-pjanti li jidhru fuq ir-ritratti in kwistjoni, illi dawn il-pjanti baqgħu ma nstabux u in oltre ma ġiex ippruvat illi dawn verament kienu pjanti tal-*cannabis*, lanqas tramite l-ħatra ta' espert.

Il-Qorti madankollu tinnota illi dawn il-pjanti ġew iffotografati b'ċertu żelu, fi stadji differenti tat-tkabbir tagħhom, u fir-ritratti jidhru anke partijiet mill-pjanti qed jiġu mnixxfa rashom l-isfel. Hemm ukoll diversi ritratti ta' diversi *buds* jew ta' partijiet mill-pjanta jew pjanti f'postijiet diversi fir-residenza, inkuż f'id l-istess imputat u partijiet mill-pjanta jew pjanti ossia l-*buds* f'kontenituri. F'ritratt partikolari jidhru anke *bong* ħdejn wieħed mill-kontenituri tal-ħġieġ kontenenti l-*buds* jew partijiet mill-pjanta. L-istess *bong* jidher ukoll fir-ritratti meħuda minn PS 465 fil-fond 114, Triq il-Flotta, Gżira. Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti illi meħuda lkoll flimkien, dawn ir-ritratti juru proċess ta' kif il-pjanti ġew imkabbra u mbagħad imnixxfa sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsmati, b'dan għalhekk illi m'hemmx dubju illi dawn il-pjanti kienu pjanti tal-*cannabis*.

B'dana kollu, il-Qorti tinnota illi fl-ebda ritratt ma jidhru iżjed minn erba' pjanti. Anzi f'kull ritratt fejn tidher iżjed minn pjanta waħda, jidhru dejjem erba' pjanti u mhux iżjed minn hekk.

Illi hawnhekk jeħtieġ illi l-Qorti tqis l-emendi li daħlu fis-seħħ fil-Kapitolu 101 u fil-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta minn dakinhar li seħħ il-każ odjern. Filwaqt illi fiż-żmien mertu ta' dan il-każ, il-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* kienet meqjusa dejjem u f'kull ċirkostanza bħala li tammonta għal traffikar f'mediċina perikoluża, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, kif viġenti dak iż-żmien, li allura kienet twassal għall-piena ta' priġunerija tassattiva, minn dakinhar il-liġi ġiet emendata diversi drabi. B'hekk bis-saħħa tal-emendi ntrodotti mil-leġislatur permezz tal-Att IV tas-sena 2020, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2020, ġie emendat l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie mħassar ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid hekk:

> Persuna li tinstab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

Kif ingħad, dan l-artikolu llum ġie mħassar u minflok, l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bis-saħħa tal-emendi ntrodotti jgħid hekk:

> (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:
>
> Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux. [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi llum hija biss dik il-koltivazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, illi taqa' fid-definizzjoni ta' traffikar f'mediċina perikoluża u li għaldaqstant tattira tassattivament il-piena ta' priġunerija effettiva. Permezz tal-emendi ntrodotti bl-Att IV tas-sena 2020, fil-każijiet fejn il-koltivazzjoni tkun għall-użu esklussiv tal-ħati, il-piena hija dik prevvista fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, salv illi l-Qorti ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* jew l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Madankollu riċentement, permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li daħal fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 2021, il-leġislatur introduċa disposizzjonijiet ġodda fil-liġi illi għal darb'oħra emendaw il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, inkluż billi llum l-att tal-koltivazzjoni sa erba' pjanti tal-*cannabis*, f'ċertu ċirkostanzi, m'għadux jammonta għal reat. Hekk bis-saħħa ta' dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 illum jaqra hekk:

> 7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena, fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizz ta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali kultivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:
>
> Iżda:
>
> (a) tali kultivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;

(b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:

Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma.

(2) Dan l-artikolu ma għandu bl-ebda mod jinftiehem li qiegħed jawtorizza l-kultivazzjoni ta' aktar minn erba' pjanti tal-pjanta tal-kannabis u dan irrispettivament min-numru ta' residenti fl-istess indirizz residenzjali u irrispettivament mir-razza ta' tali pjanti.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 7A, "kannabis niexfa" tfisser il-fjoritura niexfa u weraq niexef tal-pjanta tal-kannabis.

Dan ifisser illi llum, l-att tal-kultivazzjoni sa erba' pjanti tal-kannabis m'għadux meqjus bħala reat kriminali sakemm jikkonkorru l-elementi li trid il-liġi fl-artikolu appena ċitat, inkluż illi tali kultivazzjoni tkun għall-użu personali tal-pussessur. Altrimenti jibqgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ċitat.

Fir-rigward, il-Qorti tqis illi m'hemmx xejn fl-atti li jindika illi l-pjanti in kwistjoni ma ġewx imkabbra għall-użu personali tal-imputat. Anzi fir-ritratti in kwistjoni jidhru oġġetti relatati mal-użu tal-*cannabis* bħal *bong* u *crusher*. Irid jingħad ukoll illi matul il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni lanqas ma allegat fl-ebda mument illi l-pjanti ma kinux intiżi għall-użu personali tal-imputat. Jirriżulta wkoll illi l-pjanti ġew imkabbra fir-residenza tal-istess imputat.

Il-Qorti tqis illi għandha llum tapplika din il-liġi fil-konfront tal-istess imputat, liema liġi hija l-iżjed favorevoli għalih, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputat jinsab akkużat illum ma jikkostitwixxix reat fiċ-ċirkostanzi msemmija, il-Qorti ma tistax issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Cassano</u>** tat-28 ta' Settembru 2017, u dan

b'referenza għal ċirkostanzi simili fejn id-disposizzjoni tal-liġi li kienet tikkontempla r-reat li bih ġie mixli l-appellant f'dak il-każ, kienet ġiet imħassra:

> "Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> "*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[21]
>
> Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:
>
> "*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[22]

---

[21] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[22] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"[23]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

"B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' April 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hany Abdullatif Tawkif Elkhawiny**, għalkemm f'dak il-każ kien hemm tibdil fil-piena kkontemplata fil-liġi wara ż-żmien tar-reat u wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk mhux tibdil fil-liġi li wasslet sabiex att jew ommissjoni ma jibqax jikkostitwixxi reat, bħal fil-każ tal-lum, il-Qorti adottat l-istess posizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Cassano** fuq ċitata u qalet hekk dwar din il-materja:

"Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.

21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -

[23] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

> Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[24]

22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :

> Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.

23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.

24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[25] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero:

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of te offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;
> b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> …

---

[24] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk:

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **<u>is different</u>** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

[25] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law, Limitations by Time**

The ‘communis opinio’ among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (*sic*). If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.

Section 28 of our Criminal Code provides that “if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : “pena di qualita’ meno grave”) shall be applied.

…

The above-quoted provisions of our Criminal Code applies ‘expressis verbis’ where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal ‘The Police vs. S. Chircop et’ 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was

framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such ........penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

… in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-Interpretation Act tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

**12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;
(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;
(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;
**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;
(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889."

Hawnhekk il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Anthony Brincat et** tal-4 ta' Lulju 2019, iżda kompliet hekk:

"28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li :

> 3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
> (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law**: **the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk : -

> 55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the

defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106)."

Imbagħad b'referenza għall-każ ta' Cassano fuq ċitat, il-Qorti qalet illi essenzjalment f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet "*l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni*" u kompliet tgħid illi *"Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina ...f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017".*[26]

Fis-sentenza tagħha, imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli**."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja**[27] fejn ġie ritenut b'referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-

[26] Ara dan l-artiklu ntitolat **The More Lenient Criminal Law**, ippubblikat fuq *Times of Malta* nhar is-27 ta' Frar 2017.
[27] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b'dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi u fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tqis illi ma tista' tiġi imposta l-ebda piena fuq l-imputat dwar fatt li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik li tirreferi għall-pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għat-18 ta' Jannar 2013 u l-ħames snin ta' qabel din id-data, kif ingħad l-imputat irreġistra ammissjoni għal din l-imputazzjoni. Il-Qorti tinnota illi għalkemm fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2020, ġie indikat illi l-imputat irreġistra ammissjoni għat-tielet imputazzjoni, huwa evidenti illi dan sar bi żvista għaliex fl-ewwel lok, l-imputat ġie addebitat b'żewġ imputazzjonijiet u fit-tieni lok, fl-istess verbal ġie indikat b'mod ċar illi l-ammissjoni kienet qegħda ssir fir-rigward tal-imputazzjoni dwar ir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis.*

Illi fir-rigward irid jingħad ukoll illi apparti r-raża misjuba fil-vettura li fiha kien qiegħed l-imputat meta ġie mwaqqaf mill-pulizija, liema raża kienet f'piż ta' 0.82 grammi, l-atti ma jipprovdu l-ebda prova li turi l-ammonti tar-raża li kienu fil-pussess tal-imputat fil-perjodu mertu tal-imputazzjoni odjerna.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, jeħtieġ illi l-Qorti tqis ukoll id-disposizzjonijiet introdotti riċentement fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis.* L-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis"

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, li jkunu fil-pussess tad-droga kannabis

f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, jew għall-proċeduri hekk imsejjħa amministrattivi quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, u dan għaliex tali pussess illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Stabbilit illi l-unika prova ta' piż li nġabet f'dawn il-proċeduri kienet tar-raża li nstabet fil-vettura li fiha kien jinsab l-imputat u illi l-atti ma jwasslux għall-prova dwar il-piż tad-droga li kienet fil-pussess tal-imputat fil-perjodu mertu tal-imputazzjoni odjerna, anke hawn, fid-dawl tal-prinċipji fuq indikati, il-Qorti tqis illi għandha tapplika din il-liġi fil-konfront tal-istess imputat, liema liġi hija l-iżjed favorevoli għalih, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputat jinsab akkużat, illum ma jikkostitwixxix reat fiċ-ċirkostanzi msemmija, l-ebda piena ma għandha tiġi mposta fuqu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Daniel Gaffarena** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Għaldaqstant, mhijiex tordna l-ħlas tal-ispejjeż konnessi mall-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 bħala Dok. NS, NS 2 u NS 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat